MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 479/2004

Bank of Valletta p.l.c.
vs
William Dingli et

Il-Qorti;

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih ippremetta:

Illi b' sentenza tal-Qorti moghtija fil-11 ta' Frar 1999, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs William Dingli, Anthony u Patricia mizzewgin Dingli u Joseph u Mary mizzewgin Schiavone (Citazz. Numru 1569/98RCP) (Dok. A anness mar-rikors), il-bank rikorrenti gie kanonizzat kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' tmint elef, seba' mija u sitta u erbghin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm8,746.66) kwantu ghal tmint elef, u hamsa u tmenin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm8,085.75) sorte u kwantu ghal sitt mija u sittin Liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm660.91) spejjez tal-kawza skond taxxa

annessa mar-rikors u mmarkata Dok. B, flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ April, 1998 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza msemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-konvenuti ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, il-bank rikorrenti talab li l-Qorti  tawtorizzah jezegwixxi s-sentenza moghtija fil-11 ta’ Frar 1999 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex jottjeni l-pagament ta’ tmint elef, seba’ mija u sitta u erbghin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm8,746.66) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April, 1998 sad-data ta’ l-effettiv pagament kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensur tal-bank attur.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Illi semghet bil-gurament lill-P.L. Joseph Zammit li qal li kien ivverifika u sab li minn meta gie prezentat ir-rikors sal-lum, l-intimati baqghu ma ghamlu l-ebda pagament.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentawx risposta u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat li llum il-konvenuti mghajjtin tliet darbiet ma dehrux.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lill-bank attur jezegwixxi s-sentenza (Citazz. Numru 1569/98RCP) moghtija fil-11 ta’ Frar, 1999.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------